MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 87/2008

**Talba Nru: 87/08 PBC**

**Anthony Fenech I.D. 202060(M) u**
**martu Silvana Fenech I.D. 533762(M)**

**-vs-**
**Robert Alan Morrison I.D. 20319(A) u**
**martu Ruth Morrison I.D. 309777(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma t'elf, erba' mija u erbgha u sebghin Euro u hamsin centezmu (€1,474.50) – (Lm633) liema ammont huwa jirraprezenta arretrati ta' dawl u ta' ilma dovuti mill-konvenuti lill-atturi in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-hanut numerat 2, 3, 4, 5 u 6 fi Pjazza Lourdes, San Gwann.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut, huma baqghu nadempjenti. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 93/2008 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma t'elf, erba' mija u erbgha u sebghin Euro u hamsin centezmu (€1,474.50) – (Lm633), bl-imghax mid-data ta' notifika tal-Avviz. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------